

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi: ksur tad-dritt għal smigħ, insuffiċjenza fil-motivi, ksur tad-dritt tad-difiża, żball manifest ta' evalwazzjoni, u ksur tad-dritt fundamentali għall-proprietà.

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill naqas milli jisma' lir-rikorrenti, u li ebda indikazzjonijiet kuntrarji ma jiġġustifikaw dan, speċjalment fir-rigward tal-interferenza fuq ftehimiet kuntrattwali kurrenti. Barra minn hekk, il-Kunsill naqas milli jipprovdik dikjarazzjoni ta' motivi suffiċjenti. B'dawn l-ommissjonijiet, il-Kunsill kiser id-dritt tad-difiża tar-rikorrenti, inkluż id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kunsill, ir-rikorrenti ma hijiex sussidjarja ta' NICO Ltd kif speċifikat mill-Kunsill, peress li l-kumpannija ma għadhiex teżisti f'Jersey u ma teżistix fl-Iran; u f'kull każ, il-Kunsill ma sostniex li anki kieku din kienet sussidjarja, dan ikun jinvolvi beneficiju ekonomiku għall-Istat Iranjan li jkun kuntrarju għall-iskop tal-atti kkontestati. Finalment, billi interferixxa fuq id-dritt bażiku tal-proprietà u fuq il-ftehimiet kuntrattwali kurrenti amministrati mir-rikorrenti, il-Kunsill kiser id-dritt bażiķu tal-proprietà billi adotta miżuri li għalihom ma tistax tiġi stabbilita l-proporzjonalità.

<sup>(1)</sup> ĠU L 325, p. 19.  
<sup>(2)</sup> ĠU L 325, p. 3.

---

## Rikors ippreżzentat fl-20 ta' Jannar 2015 – Infinite Cycle Works vs UASI – Chance Good Ent. (INFINITY)

(Kawża T-30/15)

(2015/C 089/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Infinite Cycle Works Ltd (Delta, British Columbia, il-Kanada) (rappreżentanti: E. Manresa Medina u J. Manresa Medina, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Chance Good Ent. Co., Ltd (Changhua, it-Tajwan)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja “INFINITY” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 835 478

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 2308/2013-2

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tirreġistra t-trademark li saret applikazzjoni għaliha;
- tikkundanna lill-UASI u lill-konvenut/i għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikoli 8.1.b) u 8.5 tar-Regolament Nru 40/94.
- 

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2015 – GRE vs UASI (Mark1)**

(Kawża T-32/15)

(2015/C 089/44)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* GRE Grand River Enterprises Deutschland GmbH (Kloster Lehnin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Memmler u S. Schulz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkонтestata:* it-trade mark Komunitarja verbali “Mark1” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 052 437

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 647/2014-1

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2015 – Grupo Bimbo vs UASI (BIMBO)**

(Kawża T-33/15)

(2015/C 089/45)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Grupo Bimbo, SAB de CV (il-Belt tal-Messiku, il-Messiku) (rappreżentant: N. Fernández Fernández-Pacheco, avukat)